MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2008

Talba Numru. 218/2004

**Joseph u Natalie Mifsud**

**Vs**

**The Parents Foundation For Education**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tal-atturi li bih qed jitolbu minghand il-Fondazzjoni konvenuta kwantu ghal elf, mija u hamsa u sittin Euro (€1,165), u cioe' hames mitt lira Maltin (Lm500), depozitati mill-attur mal-iskola tal-minuri, ammont li l-konvenuti ghandhom jirrifondu billi l-atturi ma kienux qed jiehdu s-servizz illi kien dovut lilhom mill-konvenuti u li ghalih kien sar l-istess depozitu u in kwantu ghal elf, sitt mija u wiehed u tletin Euro (€1,631), u cioe seba' mitt lira (Lm700), dovut ghal danni soffruti mill-atturi kkagunati mill-konvenuti wara li naqsu milli jaghtu servizz ta' livell idoneju ghal liema danni l-konvenuti huma unikament responsabbli.

Ra r-risposta tal-Fondazzjoni konvenuta li eccepiet illi t-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra taghhom ghar-ragunijiet segwenti:-

1. Illi l-'Parents Foundation for Education' li twaqqfet permezz ta' att notarili ppubblikat minn Nutar Pierre Attard fit-2 ta' Lulju, 1987, ghandha personalita' guridika distinta u separata mill-iskola li ghaliha ghamlu referenza l-atturi fil-premessi taghhom.

2. Illi l-Fondazzjoni m'ghandha x'taqsam xejn mal-operat tal-iskola li ghandha wkoll personalita' guridika separata u ghalhekk fir-rigward tat-talba ghal hlas ta' elf, sitt mija u wiehed u tletin Euro (€1,631) u cioe seba' mitt lira Maltin (Lm700), il-Fondazzjoni ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

3. Illi s-somma ta' elf, mija u hamsa u sittin Euro (€1,165), u cioe' hames mitt lira Maltin (Lm500), li giet mhallsa lill-Fondazzjoni konvenuta, din hija regolata unikament mill-'Contribution Rules' 2/93 u l-atturi ddikjaraw bil-miktub illi kienu rcevew kopja tal-istess 'Rules' u li huma marbutin bihom, u ai termini tal-istess' Rules', l-atturi m'humiex intitolati ghal ebda rifuzjoni f'dan l-istadju.

Salvi eccezzjonjiet ulterjuri.

B'digriet ta' dan it-Tribunal tas-27 ta' Mejju, 2004, gew kjamati fil-kawza il-Perit David Xuereb u Francis Valletta f'isem San Andrea School.

Ra r-risposta tal-kjamata fil-kawza Perit David Xuereb u Francis Valletta f'isem San Andrea School li eccepew illi fil-konfront taghhom nomine, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra taghhom stante illi:-

1) Is-somma ta’ elf, mija u hamsa u sittin Euro (€1,165), u cioe’ hames mitt lira Maltin (Lm500), imsemmija mill-atturi giet mhallsa lill-Fondazzjoni konvenuta, li ghandha personalita’ guridika distinta u separata mill-iskola konvenuta u ghalhekk in kwantu jirrigwarda din it-talba l-iskola esponenti m’hijiex il-legittimu kontradittur u ghalhekk fil-konfront tat-talba ghar-rifuzjoni tas-somma ta’ elf, mija u hamsa u sittin Euro (€1,165), u cioe’ hames mitt lira Maltin (Lm500), l-iskola eccipjenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

2) L-iskola konvenuta dejjem ipprovdiet is-servizzi relattivi kif marbuta u dejjem qdiet l-obbligi taghha skrupolozament, inkluz fil-konfront tal-atturi u binhom u ghalhekk ma hija responsabbli ghal ebda danni fil-konfront tal-atturi.

3) Salvi eccezzjonijiet ohra.

Ra x-xhieda ta’ Joseph Mifsud li jispjega li t-tifel tieghu kien ilu jattendi l-iskola ta’ San Andrea mill-1995 u kien beda jkollu l-problemi ghall-habta ta’ 1998, meta t-tifel beda jghid li kien qed jigi ‘bullied’. Kien qal lil genituri tieghu li kienu avzaw lill-ghalliema u lill-‘Headmistress’ Mrs. Ross sabiex tiehu hsieb din il-kwistjoni. Kienu baqghu in kuntatt u Mrs. Ross kienet isserhilhom mohhohom li l-kwistjoni kienet qed tigi ‘monitored’.

Kien fis-sena 2000 li l-‘bullying’ kien zdied u meta martu kienet marret tkellem lil Mrs. Ross, din prattikament injoratha u kien ghalhekk li kienu marru jkellmu lil Dun Nikol Aquilina fid-Dipartiment tal-Edukazzjoni. L-istess gurnata kienu rcevew ittra minghand Mrs .Ross li kienet skuzat ruhha ghall-agir taghha u kienet wieghdithom li s-sitwazzjoni kienet qed tigi ‘monitored’ b’mod specjali, pero’ kien jidher ovvju ghalihom li s-sitwazzjoni ma kienitx verament qed tigi kkontrollata.

It-tifel kien beda sejjer lura ukoll akkademikament. Fis-sena 2002 il-‘bullying’ sar aktar b’mod allarmanti u dan

minhabba li kien hemm incident fejn tifel kien kisser in-nuccali tat-tifel taghhom b'idejh.

Fil-'parents day' tas-sena 2002, precisament f'Novembru, l-ghalliem tal-matematika kien informa lix-xhud li t-tifel tieghu kellu bzonn attenzjoni specjali fil-matematika u kien ghalhekk li kien ser izommu fil-'break', pero' maz-zmien irrizulta li ma kienux qed jinzammu dawn il-lezzjonjiet fil-'break' u minflok anke waqt il-lezzjonijiet tal-matematika, l-ghalliem kien jinjorah. Fil-'parents day' f'Marzu tal-istess sena akkademika, ix-xhud kien irrifjuta li t-tifel tieghu jinghata lezzjonijiet tal-matematika minnu.

Ix-xhud izid jghid illi kien nforma lil sur Debrincat, Kap tal-iskola li kien qallu li kien ser jiehu hsieb il-kwistjoni u kien urih ir-rizultati tal-matematika tal-istudenti fil-klassi ta' da l-ghalliem, fejn minn ghoxrin (20), hmistax (15) kienu gabu anqas minn 50 fuq 100.

F'dawn ic-cirkostanzi, l-attur jikkonferma li hu hass li ma setax jaccetta din is-sitwazzjoni aktar u kien iddecieda li johrog lit-tifel mill-iskola u kien mar St.Edwards u kien iddecieda ukoll li ma jhallasx il-mizata tal-ahhar 'term'.

Ra x-xhieda ta' Nathalie Mifsud li kkonfermat dak kollu li xehed zewgha.

Ra x-xhieda ta' Jan Mifsud, bin l-atturi li jispjega li hu kien telaq mill-iskola San Andrea fis-sena 2003 u dan wara li kien qed ikun assoggetat ghall-'bullying'. Ighid li kien hemm tifel partikolari Dario Vella li kien jaqbad mieghu, partikolarment fil-hin tal-'break'.

Jispjega li kien jiddejjaq hafna meta kien jasal il-'break', specjalment meta kien ikun hemm il-'break' it-twil ghaliex dan Vella kien jaqbad isawwtu u ghalkemm kien kellem lill-'Headmistress' ma tantx kien qed isib kooperazzjoni. Kien hemm okkazzjoni wahda meta kienet baghtet ghalih u ghal Vella.

Minhabba dawn ic-cirkostanzi kien beda jmur lura akkademikament.

Fis-sena 2001 kien tela’ fis-‘senior school’ u hemm dahal tifel gdid jismu Tonio li kien beda jsawwtu ukoll. Kien kellem lil Miss Audrey, assistant kap tal-iskola inkarigata mis-‘Senior School’, pero’ din qisha haddietha kontrih.

Kien wara li kien kellmu s-sur Debrincat li kien qallu li jekk kien ikollu xi problemi kellu javza lis-segretarja sabiex ikellmu, izda qatt ma kien isibu.

Kien kellem ukoll it-‘tutor’ tal-klassi Ms. Daphne Said li kienet baghtet ghal Tonio li kien nnega kollox u minflok spiccat biex irrabbjat mieghu, izda hu nsista li ma kienx hu u wieghditu li kienet ser terga’ tkellem lil dan Tonio,

Kien hemm okkazzjoni wahda meta Miss Audrey kenet baghtet ghal Miss Daphne u fil-presenza tieghu u ta’ Tonio kienet avvzathom sabiex ma jitkellmux u sabiex jigu avzati l-ghalliema li m’ghandhiex jitpoggew hdejn xulxin.

Izda meta kien jasal il-‘break’ kien jerga’ jibda.

Jikkonferma wkoll li kien hemm incident meta tifel fil-klassi tieghu certu Blair Avellino kien kissirlu n-nuccali u kien mar ghand Miss Audrey li kienet cemplet lill-ommu kif ukoll lill-omm Avellino li kienet offriet li thallas l-ispejjes ghan-nuccali.

Kien hemm tifel iehor Lee Vella li kien ukoll tah xi daqqa.

Ighid li dawn l-incidenti kienu wasluh ghal hafna stress u kien mar ikellem lil Dr. Peter Muscat.

Kellu ukoll problemi mal-ghalliem tal-matematika Godfey Spiteri u dan meta kien Form 1 u dan peress li kien jinjorah kull meta kien isaqsih xi domanda. Kien spicca li ma bediex jattendi ghal lezzjoni tal-matematika u ghamel zmien twil hekk u l-iskola m’ghamlet xejn sabiex is-sitwazzjoni tigi risolta.

Ra x-xhieda tal-Perit David Xuereb li bejn Frar, 2003 u Settembru, 2005 kien ic-Chairman tal-Bord tal-Iskola ta' San Andrea.

Jispjega illi kien kellem lis-surmast tal-iskola sekondarja Mr.Evan Debrincat li kien infurmah li kien jinsab inkwietat ghaliex kien hemm xi problemi mas-sinjuri Mifsud u cioe' l-atturi, u fit-telefonata li kien hemm bejniethom kienu qallulu li kienu gejjin ikissru kull m'hemm.

Il-Perit kien issugerixxa li jigu avzati l-Pulizija f'kaz ta' eventwalita'. Pero' kienet saret laqgha bejn is-surmast u l-atturi u kollox kien mexa harir, fejn is-surmat wieghdhom li kien ser jimmonitorja s-sitwazzjoni.

Il-Perit ighid li kien issugerixxa li kien ahjar li s-surmast jiehu nota ta' x'hiex kienu l-ilmenti tas-Sinjuri Mifsud, li fost affarijiet ohra kienu qed jinsistu li ma riedux ihallsu l-mizati.

Il-Perit offra li jiltaqa' mas-Sinjuri Mifsud li ma xtaqux jiltaqghu mas-surmast aktar ghaliex hassew li ma kienx qed jikkoopera maghhom. Saret laqgha ma' Mifsud u f'din il-laqgha li damet madwar siegha u nofs sabuha difficli biex isibu xi haga tajba fuq l-iskola, minkejja li x-xhud kien lest li jara kif ser jikkuntenthom.

Ix-xhud jispjega li kellu jwaqqaf il-laqgha meta bdew jinsulentaw lil Debrincat, kif ukoll lil Audrey Galea, ghalliema u 'assistant' kap tal-iskola.  Kellhom problema mal-ghalliem tal-matematika u ma riedux u baqghu jinsistu li ma riedux lit-tifel jattendi ghal din il-lezzjoni ghaliex kienu ser jibghatuh ghal privat.

Saru proposti mill-iskola izda kienu qed jirrifjutaw kwalsiasi offerta li kienet saritilhom.

Il-Perit jispjega li hu kien Chairman tal-Bord u ghalhekk kien ipprova jorganizza laqgha bejn l-atturi u s-surmast, izda l-atturi ma riedux u kien ghalhekk li ltaqa' maghhom.

Jikkonferma li kien hemm incident fejn kissru n-nuccali tat-tifel, izda l-aktar li kienu jilmentaw kien fuq l-ghalliem tal-matematika. Is-surmast kien dispost li jattendi ghal lezzjoni sabiex jikkontrolla ahjar, pero' l-atturi ma riedux u sa l-ahhar tas-sena skolastika it-tifel tal-atturi ma baqax jattendi l-iskola ta' San Andrea.

Ra x-xhieda ta' Carmel Busuttil li jokkupa l-kariga ta' Education Officer mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni li jikkonferma li Dorothy Lapira kienet giet approvata bhala 'Head' tal-'Early School' u 'Middle School' u dan fid-19 ta' Ottubru, 2004. Fl-24 ta' Awissu, 2004 il-'Board of Governors' kienu appuntaw lil Audrey Galea bhala 'Head' tas-'Senior School'. Fil-2001 kien hemm Carmen Ross u Evan Debrincat.

Ra x-xhieda ta' Daphne Said li xehdet li ilha tahdem l-iskola ta' San Andrea ghal seba' (7) snin u fis-sena skolastika 2002/2003 kellha l-kariga ta' 'Grade Tutor', li jfisser li hija kienet il-persuna nkarigata li tiehu hsieb l-ewwel sena tas-'Senior School' (Grade 8) ghal dak li jirrigwarda l-pastorali, kif ukoll li tikkomunika bejn il-genituri u l-ghalliema u t-tfal.

Tikkonferma li kien hemm problema bejn Jan Mifsud u Tonio Grixti u kienet baghtet ghalihom u kien hemm presenti ukoll Miss Audrey Galea. Kienu qalulhom biex ma jkomplux jaqbdu ma' xulxin u kienu avzawhom biex jinfurmawhom jekk kellhomx xi problemi.

Jan Mifsud ma regax mar. Kien hemm biss incident iehor meta certu Blair Avellino kien kissirlu n-nuccali.

Imbaghad l-inkwiet beda jizdied meta Jan beda jkollu problemi mal-ghalliem tal-matematika Godfrey Spiteri. Din il-problema kien hadha f'idejh is-sur Debrincat.
Ix-xhud tghid li kien hemm drabi meta l-attrici kienet iccempliha, izda kienet tuza lingwagg offensiv, fejn kienet isemmi l-ghalliem tal-matematika u allura l-konversazzjonijiet ma kienux ikunu twal.

Ra x-xhieda ta’ Felicienne Mallia Borg li tghid li s-sur Debrincat kien talabha sabiex tkellem lill-atturi u tipprova tikkalmahom.

Kella laqgha maghhom, izda dawn baqghu jinsistu li ma riedux lit-tifel taghhom jattendi l-lezzjonijiet tal-matematika u minkejja li dan kien fl-interess ta’ binhom. Kien qalu li kienu ser jibghatuh ghal-lezzjonijiet privati. Ftit wara t-tifel ma baqax jattendi l-iskola.

Dan iz-zmein tghid li hi kellha l-kariga ta’ ‘inclusion coordinator’, u cioe’ tara jekk hemm xi problemi mal-istudenti u tara kif dawn jistghu jirrisolvu ruhhom.

Tikkonferma li f’dan il-kaz il-problema kienet bejn l-istudent u l-ghalliem tal-matematika u qatt ma ltaghhet maghhom fuq xi problema ohra.

Ra x-xhieda ta’ Godfrey Spiteri li kien l-ghalliem tal-matematika ta’ Jan Mifsud u jghid li huwa ghadu jahdem fl-iskola ta’ San Andrea u fiz-zmien li kien qed ighallem lil Mifsud kien fl-ewwel sena tieghu fl-iskola u dan kien ghal habta tas-sena 2002/2003. Ighid  li Ian Mifsud ma kienx mar daqshekk tajjeb fit-test tal-matematika u kienet baghtet ittra ommhu sabiex tinfurmah li kien hemm bzonn ta’ korrezzjoni ta’ wahda mill-mistoqsijiet li kien hemm fit-‘test’.

Hu kien irrisponda ghal din l-ittra fejn ta spjegazzjoni lil Mrs.Mifsud u infurmaha pass pass kif kellha tigi r-risposta u dan minhabba li ma kienitx intiza fuq il-‘Bodmas’.

Ighid li hu dejjem ikkoopera  ma’ Jan. Fil-‘parents day’, il-genituri tieghu kienu talbuh sabiex jaraw kif it-tifel taghhom seta’ jmur ahjar fil-matematika u kien ghalhekk li offra li jghinu matul il-‘break’, izda peress li kien gie inkarigat mis-surmast sabiex jorganizza l-ezamijiet ma kellux zmien bizzejjed u ma zammx dawn il-lezzjonijiet.

Wara l-ezamijiet, l-attrici kienet ghamlet kuntatt mieghu fejn bdiet tghajjru u membri ohra tal-iskola u kien ghalhekk li kien qata’ t-‘telephone’. Fit-tieni ‘parents day’ kien rega’

inqala' l-inkwiet mal-atturi ghaliex bdew isosntu li kien hemm konfoffa kontra binhom u dan kien qed isir minhabba l-kulur politiku taghhom.

Ix-xhud ikompli ighid li kien tah spjegazjoni li l-marka baxxa li kien qed igib kien forsi minhabba nuqqas ta' attenzjoni fil-klassi. Irrizulta, ukoll, wara li ghamel il-verifiki li ma kienx mar tajjeb fl-ebda ezami.

Imbaghad inqalghet ukoll il-kwistjoni ghaliex ma riedux jibghatu lil Jan ghal lezzjoni tal-matematika u minkejja li kienu qed jitkellmu mal-Bord, il-minuri qatt ma dahal ghal lezzjoni, izda ghamel l-ezami u kien ikkoregga l-karta hu stess, izda minkejja li Jan kien qed jattendi l-privat, kien mar aghar mill-ewwel ezami.

Jikkonferma li kien informa lill-atturi fejn kienu mar hazin it-tifel taghhom.

Jikkonferma li wara t-tieni 'parents day', Mifsud ma kienx baqa' jattendi l-lezzjonijiet tal-matematika u kien biss ghal-lezzjonijiet tieghu li t-tifel ma kienx jattendi.

Ra x-xhieda tal-Profs. Ganado li jispjega li huwa wiehed mit-tlett 'trustees' tal-Fondazzjoni li kienet twaqqfet fit-2 ta' Lulju, 1988, fl-atti tan-Nutar Pierre Attard.

Il-Fondazzjoni kienet twaqqfet sabiex jinbnew zewg skejjel u mill-kontribuzzjonijiet tal-genituri tinxtara l-art sabiex jinbnew dawn l-iskejjel u sabiex jigu armati. Kellu jsir self ukoll mill-Bank. Inbnew zewg (2) skejjel, precisament l-Iskola ta' San Anton u San Andrea.

Ighid li l-Fondazzjoni ghandha personalita guridika taghha, distinta minn dik tal-iskejjel.

Il-Profs Ganado ikompli jispjega li fl-artikoli 6 u 7 tal-'Contribution Rules', il-kontribuzzjonijiet li jsiru minghand il-genituri jingabru mill-Fondazzjoni u mhux mill-iskejjel u dan sabiex jigu finanzjati il-bini tal-iskejjel u l-armar tal-istess skejjel u sabiex jitkomplew jithallsu ukoll il-banek. Il-

kontribuzzjonijiet li jkompli jingabru tul is-snin jintuzaw ghal spejjes kapitalu u ghal bank.

Meta dawk jigu saldati mbaghad jibdew jinghataw il-kontribuzzjonijiet lura lill-genituri l-izjed antiki.

Jispjega ukoll illi ghadhom ma thallsux il-‘loans’ tal-Bank u ghalhekk s’issa ma jistghux isiru rifuzzjonijiet lill-genituri tal-kontribuzzjonijiet, kif qed jigri fl-iskola ta’ San Anton, kontribuzzjonjiet, ghaliex l-istess regolamenti jikkontemplaw li f’kazijiet eccezzjonali biss(Artikolu 7 (6)) u l-kaz tal-atturi ma kinex jinkwadra f’dawn l-eccezjonijiet.

Fl-ahhar ix-xhud ighid ukoll li l-Fondazzjoni m’ghandhiex taqsam mad-debiti u l-krediti tal-iskejjel u lanqas dawn ghandhom x’jaqsmu maghha. Hemm Bord li jiffisa l-kontribuzzjonijiet ghal iskejjel, u l-Fondazzjoni taghzel biss il-Kapijiet tal-Iskola, filwaqt li l-ghalliema jigu impjegati mill-iskola.

Ighid ukoll li meta l-genituri jirregistraw bhala kontributuri tal-Fondazzjoni jaccettaw li :-

***“I agree that my contribution shall be regulated by the Contribution Rules 1993……and agree that my contribution shall be invested or committed in connection with the second PFE School without any guarantee in accordance with the said Contribution Rules.”***

Ighid ukoll li l-atturi permezz ta’ Dokument E datat 27.3.1995 accettaw li :-

***“I have today received a copy of the Contribution Rules 1993 (Rules 2/93)……I declare that I have been warned of the importance of reading and understanding these Rules.”***

Ra x-xhieda ta’ Sandro Galea, ‘Administrator’ tal-Iskola ta’ San Andrea u li huwa l-persuna inkarigat li jigbor l-mizati minghand il-genituri u li jibghat ‘reminders’ lil dawk il-genituri li ma jhallsux fil-pront. Fil-kaz tal-atturi, il-minuri

kien ilu jattendi l-iskola minn 1995 u dejjem hallsu l-mizati. Kien biss fis-sena skolastika 2002/2003 li kien hemm problema Kien hallsu prattikament il-mizata tal-ewwel ‘term’, hlief ghal Lm35 u ma kienux hallsu l-mizata tat-tielet ‘term’. Baqghu ma hallsux minkejja d-diversi ‘reminders’ li baghtulhom.

Jikkonferma li l-atturi kien iffirmaw l-‘appication form’ fejn kienu intrabtu li kien obbligati ihallsu l-mizati tat-tifel.
Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

<u>Ikkunsidra</u>

L-atturi pprezentaw dina l-kawza kontra l-‘Parents Foundation for Education’ ghal hlas ta’ elf, mija u hamsa u sittin Euro (€1,165), u cioe’ hames mitt lira Maltin (Lm500), li kienu thallsu bhala depozitu meta t-tifel taghhom Jan Mifsud gie iskrit fl-Iskola San Andrea.

Qed jitolbu ukoll il-hlas ta’ danni fl-ammont ta’ elf, sitt mija u wiehed u tletin Euro (€1,631), u cioe seba’ mitt lira Maltin (Lm700).

Il-Fondazzjoni llimitat l-eccezzjoni taghha fis-sens li ghal dak li ghandu x’jaqsam mal-ammont ta’ elf, sitt mija u wiehed u tletin Euro (€1,631), u cioe seba’ mitt lira Maltin (Lm700), m’ghandha x’taqsam xejn mal-Iskola San Andrea ghaliex ghandha entita’ separata u distinta minnha.Ghalhekk l-istess Fondazzjoni qed titlob lil tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju ghal dak li jirrigwarda din it-talba.

Aktar tard, fil-mori tal-kawza, gew kjamati fil-kawza il-Perit David Xuereb u Francis Valletta fl-isem l-Iskola ta’ San Andrea u dawn eccepew illi l-Iskola ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju in kwantu jirrigwarda r-rimbors lura tal-elf, mija u hamsa u sittin Euro (€1,165), u cioe’ hames mitt lira Maltin (Lm500) u dan minhabba li dan l-ammont thallas lill-Fondazzjoni u bhala skola dawn ghandhom entita’ separata u distinta.

Fix-xhieda tieghu, Il-Profs. Ganado bhala 'trustee' tal-Fondazzjoni, spjega kif dina kienet twaqqfet fl-1988. Jispjega ukoll li bhala Fondazzjoni kien gie miftiehem li tahtha kellhom jinbnew zewg skejjel, l-Iskola ta' San Anton, kif ukoll l-Iskola ta' San Andrea.

Gie mifitehem skond l-istess Fondazzjoni, li jkun hemm kontribuzzjoni minghand il-genituri sabiex l-istess ammont jigi utilizzat ghal bini tal-iskejjel u ghal kwalsiasi kapital li jkun hemm bzonn u sabiex jithallsu il-'loans' mal-banek lokali. Gie miftiehem ukoll li wara li jkun inqata' d-dejn tal-Fondazzjoni, mbaghad il-flus jkunu jistghu jibdew jinghataw lura lill-genituri, kaz li qed jigri fl-Iskola ta' San Anton, pero' mhux fl-Iskola ta' San Andrea ghaliex il-'loans' ghadhom qed jithallsu. Hawn qed isir referenza ghal ammont ta' elf, mija u hamsa u sittin Euro (€1,165), u cioe' hames mitt lira Maltin (Lm500), li huma l-kontribuzzjoni li jithallsu lil Fondazzjoni inizjalment.

Il-Profs. Ganado jispjega ukoll li meta genitur jiddeciedi li jirregistra lit-tarbija tieghu ma' xi skola mwaqqfa taht il-Fondazzjoni dan jinghata kopja tal-'Contribution Rules' 1993 li fihom hemm stipulat li l-kontribuzzjonijiet li jinghataw, jinghataw biex jigu investiti u amministrati fl-iskejjel.

Ghalhekk in vista ta' dawn il-provi, it-Tribunal ihoss li ghandu jilqa' l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-Fondazzjoni.

Dwar it-tielet eccezzjoni, 'una volta' inghatat spjegazzjoni dettaljata dwar is-sistema adoperata ghal dak li jirrigwarda r-rimbors tal-kontribuzzjoni tal-hames mitt lira Maltin (Lm500), u cioe' elf, mija u hamsa u sittin Euro (Euros 1,165), l-atturi m'ghandhomx ghazla ghajr li jistennew sakemm id-debiti tal-Fondazzjoni jigu saldati u jibdew jithallsu lura l-kontribuzzjonjiet. Ghalhekk l-azzjoni taghhom hija intempestiva u t-tielet eccezzjoni tal-Fondazzjoni timmerita li tigi, kif qed tigi, akkolta.

Fir-rigward tal-eccezzjonijiet tal-kjamata fil-kawza, it-Tribunal josserva dan li gej:

L-ewwel eccezzjoni tirrigwarda l-hlas ta’ elf, mija u hamsa u sittin Euro (€1,165), u cioe’ hames mitt lira Maltin (Lm500). Il-Perit Xuereb, kif ukoll is-sur Valletta, f’isem l-Iskola San Andrea jispjegaw li peress li dan l-ammont, jirrapprezenta l-kontribuzzjoni li tinghata lil Fondazzjoni meta l-wild jigi registrat f’xi skola mwaqqfa taht l-istess Fondazzjoni huma kellhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Fis-sentenza Marionne Zammmit noe vs Victor Cachia et, (23.2.2001), il-Qorti tal-Magistrati rriteniet illi :-

“…huma zewg enti gurdici b’personalita’ legali separata u distinta u l-konvenuti ma jistghux jippretendu li jikkompensaw kreditu ta’ wiehed ma’ debitu tal-iehor. Dan qed jinghad apparti mill-kunsiderazzjoni li ma jirrizultax li ghandu xi dritt li jezigi li jigi rimborsat a rikjesta bl-istess kontribuzzjoni.”

Fil-fehma tat-Tribunal dan il-punt gie stabbilit mid-deposizzjoni tal-Profs. Ganado u ghalhekk it-Tribunal ihoss li a skans ta’ ripetizzjoni, li m’ghandux alternattiva hlief li jilqa’ din l-eccezzjoni tal-kjamat fil-kawza u ghalhekk jillibera l-iskola ta’ San Andrea mill-ewwel talba attrici.

Jibqa, ghalhekk li t-Tribunal jikkunsidra t-tieni talba tal-atturi in kwantu dawn qed jallegaw li soffrew danni bil-mod kif kien gie trattat binhom u kif l-istess skola ma kkooperatx sabiex binhom ma jigix assoggetat aktar ghal ‘bullying’.

L-atturi, flimkien ma’ binhom jispjegaw li binhom Jan iltaqa’ ma’ problemi fl-iskola San Andrea ghaliex kien qed ikun hemm ‘bullying’ fuqu. Huma kienu tkellmu mas-surmast u l-‘Headmistress’ Mrs. Ross, li kien hemm precedentement, u dawn kienu weghduhom li kienu ser jiehdu hsieb il-problemi li kien qed jiffaccja binhom. Isemmu diversi tfal, li maghom kien qed ikollu xi jghid binhom.

Irrizulta pero' li l-qofol, jew inkella, l-mument li kollox donnu beda jikkomplikaw ruhu aktar huwa, meta certu tifel kunjomu Avellino kien kisser in-nucccali ta' Jan Mifsud u l-iskola kienet weghdithom li kienu kellmu l-genituri ta' dan it-tifel u li kienu ppromettew li kienu ser jaghmlu tajjeb ghan-nuccali.

L-aktar problema li bdew jilmentaw fuqha, kienet li l-ghalliem tal-matematika ma kienx igib lit-tifel taghhom u li addiritura kien jinjorah, tant li t-tifel taghhom ma kienx sejjer tajjeb fil-matematika.

Kien hawn li r-relazzjonijiet bejn l-iskola u l-atturi bdew jihzienu, tant li kellu jintervjeni l-Perit Xuereb ghan-nom tal-Bord, fuq talba tas-Surmast Debrincat. L-atturi kienu qed jirrifjutaw li jiltaqghu mas-surmast ghaliex hassew li ma kienx zamm kellmtu meta kien qalilhom li kien ser jimmonitorja s-sitwazzjoni, izda ma kien ghamel xejn.

Il-Perit Xuereb jikkonferma li kien hemm xi incident meta kissrulu n-nuccali. Jikkonferma ukoll li l-aktar problema serja kienet relatata mal-ghalliem tal-matematika. Is-surmast kien dispost li jibqa' fil-klassi meta kienet issir il-lezzjoni, izda ma kienux accettaw ghaliex qalu li binhom ma riedx jattendi ghal lezzjoni u kienu ser jibghatuh ghal lezzjonjiet privati tal-matematika.

L-iskola pproduciet diversi provi bhal 'Assistant Head' Miss Audrey Galea, il-Perit Xuereb stess u Felicienne Mallia u dawn kollha ikkonfermaw li kien hemm xi problemi bejn l-atturi u l-iskola u li l-atturi ma riedux jikkooperaw, minkejja li l-Iskola ghamlet minn kollox sabiex tghinhom.

L-ghalliem tal-matematika Godwin Spiteri stess xehed li hu kien dejjem dispost li jghin li Jan u kien sahansitra weghdom fil-'parents day' li jibda jghinhu anke fil-'break', izda mbaghad is-surmast kien inkarigah sabiex jorganizza l–ezamijiet u ghalhekk ma seta jorganizza dawn il-lezzjonjiet.

Il-Perit Xuereb jikkonferma li minkejja li kien hemm tentattivi da parti tieghu sabiex jwassal lil kulhadd ghal ftehim, l-atturi ma riedux jikkooperaw u kull ma kellhom kienu kliem dispregjattivi lejn kulhadd li kellu x'jaqsam mal-iskola.

Is-sur Spiteri ukoll ikkonferma li r-rizultati fis-suggetti l-ohra ta' Jan Mifsud ma kienux mill-ahjar u ghalhekk kien it-tifel li forsi kellu bzonn l-ghajnuna.

It-Tribunal josserva li l-atturi ghazlu li ma jhallsux l-mizata tal-ahhar 'term', kif ukoll naqsu li jhallsu hamsa u tletin lira Maltin (Lm35) mill-ewwel 'term' u dan meta ddecidew li ma kienux kuntenti bl-iskola u ssussegwentement baghtu lit-tifel band'ohra.

L-iskola ghamlet l-almu taghha sabiex tosserva l-obbligazzjonijiet taghha meta involviet lil Perit Xuereb bhala rapprezentant tal-genituri. L-'Assistant Head' Miss Galea, kif ukoll ghalliema u 'coordinators' kollha taw l-attenzjoni mehtiega meta kien hemm bzonn, pero' l-attitudni tal-atturi kienet wahda pjuttost difficli mhux miftuha ghal kooperazzjoni. L-atturi stess lanqas ma gabu provi sabiex jirribadixxu dak li xehdu fuqu impjegati tal-iskola. Anzi jghidu li ma kienx hemm kooperazzjoni, izda b'xi mod jew iehor, meta kien hemm xi lment minn binhom jew irraportaw xi 'bullying', dejjem taw kaz, izda ma tantx ikkooperaw jew ghazlu li jiehdu atteggjament aggressiv u offensiv lejn kull min kien qed jipprova jsolvi s-sitwazzjoni.

Jekk verament kien hemm xi problema mal-ghalliema tal-matematika, ir-rimedju kien ikun li forsi ssir konfront bejnithom sabiex jaraw fejn kien hemm xi mizgwid, izda l-ghazla li t-tifel ma jattendix il-lezzjonijiet zgur ma kenitx l-ahjar ghazla.

Ghalhekk, it-Tribunal, minkejja li japprezza li kull genitur ikollu l-preokkupazzjonijiet tieghu fejn jirrigwarda lill-uliedu, l-atteggjament ghandu jkun wiehed ragonevoli, civili, ta' komprensjoni u kooperazzjoni, mhux arroganza, theddid u atteggjament offensiv, partikolarment ma' persuni li offrew l-ghajnuna taghhom u rimedji li l-atturi

ghazlu li jinjoraw totalment. M'hemmx dubbju li seta' kien hemm element ta' 'bullying' u xi nuqqas ta' ftehim mas-surmast tal-matematika imma s-soluzzjoni ma kenitx dik li ghazlu l-atturi imma wahda ta' djalogu u ricerka biex verament tinstab il-kawza tal-problemi li fuqhom kienu qed jilmentaw l-atturi.

Jekk effettivament, din l-preokkupazzjoni taghhom kienetx tali li tiggustifka li ma jhallsux il-mizati dovuti lill-Iskola San Andrea, it-Tribunal f'diversi okkazzjonijiet kellu l-opportunita' li jesprimi ruhu f'dawn ic-cirkostanzi. La darba l-genituri jidhlu f'kuntratt mal-iskola fejn jintrabtu li jirregistraw tifel fl-iskola, jobbligaw ruhhom li jhallsu l-mizati. Ir-regolamenti jissuperaw il-problemi jew ragunijiet ghalfejn wild jitnehha minn skola jew ohra.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, il-Pertit Xuereb u Francis Valletta f'isem ta' San Andrea jaghmlu referenza ghal kawza fl-simijiet David Ellis noe vs Alfred Testa et, (15.12.2003) fejn gie enuncjat:-

"Mhijiex skuza anqas li tghid illi lit-tifel irtiraju minhabba problemi akkademici illi kien hemm fl-iskola peress illi dawn ir-regolamenti jissuperaw tali problemi. Il-Qorti ma tistax f'din il-kawza tissindika r-regolamenti tal-Kullegg, dawna ghandhom jigu accettati kif inhuma u l-konvenuti ma jistghux jaharbu mill-obbligazzjonijiet taghhom skond dawn l-istess regolamenti. Darba l-konvenuti ddecidew li jdahhlu lit-tifel taghhom il-Kullegg ta' St. Edward's u dana gie accettat, inholqot relazzjoni kontrattwali bejn il-partijiet sabiex il-Kullegg jipprovdi l-edukazzjoni versu kunsiderazzjoni stabbilita' minn qabel."

Ghalhekk, l-atturi bl-ebda mod ma jistghu jsibu kull skuza sabiex jiggustifkaw in-nuqqas ta hlas ta' mizata ghaliex la darba rregistraw lill-binhom mal-iskola dawn rabtu ruhhom mal-kundizzjonijiet tal-iskola, li jehtiegilhom ihallsu l-mizati regolarment.

Pero' iktar importanti mill-hlas jew nuqqas ta' hlas tal-mizata huwa jekk l-iskola ghandiex tigi ritenuta responsabbli ghal xi danni versu l-atturi ghal dak li seta'

gara. Fil-fehma tat-Tribunal ma gie pruvat ebda nuqqas da parti tal-iskola li talvolta seta’ jirrendiha responsabbli ghal xi danni. L-atturi setghu u kellhom dritt ma jkunux kuntenti bil-mod kif skond huma l-iskola kienet qed tittratta ma binhom u maghhom pero’ mill-provi ma jirrizulta xejn li jintitulahom jirreklamaw xi danni.
Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi, jilqa’ l-eccezzjonijiet kollha kemm tal-Fondazzjoni kif ukoll dawk tal-kjamati fil-kawza u konsegwentement jichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kollha kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------